# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A. (HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 19 ta' Gunju 2001**

**Numru**
**Citaz. Nru. 249/83**

**Michael Fenech bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Fenech Oil & Petroleum Co. Ltd.**

**Vs**

**John Ellul Sullivan ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta Mid-Med Towage Co. Ltd.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur *nomine* ppremetta:-

Illi d-ditta konvenuta ghandha thallas lill-attur *nomine*, is-somma ta' hames mija u tmenin lira (Lm580) bhala prezz ta' ghaxar drammi ta' lubricating oil ED30 li d-ditta konvenuta xtrat minghand id-ditta attrici u li taghhom d-ditta konvenuta rciviet il-konsenja kif jidher mid-dokumenti Dok A u Dok B annessi mac-citazzjoni;

Illi d-ditta konvenuta baqghet ma hallsitx ghal din il-merkanzija ghalkemm giet debitament interpellata biex thallas;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lill-Qorti sabiex:-

1. Tikkundanna lill-konvenut *nomine* ihallas lill-attur *nomine*, is-somma ta' Lm580 prezz ta' ghaxar drammi taz-zejt mixtrija mid-ditta konvenuta u kkonsenjata lilha mid-ditta attrici;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja tat-3 ta' Lulju 1981, u ta' l-ittra uficjali tal-25 ta' Settembru 1981 u bl-imghaxijiet kummercjali mit-22 ta' Mejju 1980 id-data tal-konsenja kontra l-konvenuta *nomine*;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut *nomine* illi permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi l-eccipjent ma hallasx is-somma mitluba fic-citazzjoni ghax il-Lubricating Oil suppliet lilu mid-ditta attrici ma kienx tal-kwalita` pattwita u ordnata u ghalhekk ma setax jintuza fil-magni tat-Tug-boats tal-kumpanija tieghu;

2. Illi l-attur *nomine* gie infurmat b'dana kemm verbalment u kif ukoll b'ittri tant li l-impjegat tad=-ditta attrici Peter Lanzon accetta li jiehu iz-zejt lura, biss qal lill-eccipjent li dan isir sew sew kif isibu bejgh tieghu; ghaldaqstant it-talba attrici kellha tigi michuda bl-ispejjez;

Rat id-dikjrazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-Decizjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili moghtija fil-15 ta' Jannar 1999 li permezz taghha ddecidied il-kawza billi laqghet l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta u cahdet it-talbiet attrici;

Rat ir-Rikors ta' l-Appell ipprezentat mis-socjeta` attrici fejn talbet lil dina l-Qorti biex thassar, tirrevoka, tikkancella u tirrigetta l-imsemmija sentenza u wara li tichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta` konvenuta, tilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjez;

Rat l-aggravvji mressqa mill-istess socjeta` appellanti u r-Risposta ghal dan ir-Rikors intavolata mis-socjeta` appellata;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri;

Ikkonsidrat:-

Illi din il-kawza tirrigwarda konsenja ta' zejt mis-socjeta` attrici lil dik konvenuta biex jintuza fuq lanec ta' l-irmong li kienu gestiti mill-istess socjeta` konvenuta; gara illi dan iz-zejt ma kienx adegwat ghal-magni tat-tug-boats in kwistjoni u ghalhekk is-socjeta` konvenuta rrifjutat li thallas;

Illi rrizulta illi s-socjeta` estera produttrici taz-zejt giet mitluba tindika liema kien iz-zejt adegwat ghall-magni tat-tug-boats u s-socjeta` appellata riedet tiehu zejt ekwivalenti ghal dak li kienet qeghda tuza. Fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ssottolineat illi ghalkemm "*is-socjeta` attrici pproduciet hafna dokumenti pero` naqset li tipproduci l-ewwel telex tas-socjeta` estera fejn allegatament gie konfermat liema kien iz-zejt ekwivalenti ghaz-zejt li kienet tuza s-socjeta` konvenuta.*";

Fir-rikors ta' l-appell is-socjeta` attrici ssottomettiet illi l-Ewwel Qorti ma messiex insistiet fuq dan il-punt peress li anki s-socjeta` konvenuta kienet taf b'dan it-telex. Is-

socjeta` konvenuta qalet ukoll illi in segwitu ghal dan it-telex u ghal kontrolli li saru dwar il-karatteristici taz-zejt "*wara li dan gie riferit lid-ditta attrici din ikkonfermat li z-zejt kien ta' gradazzjoni ohra u ghalhekk mhux tajjeb ghal dak li kien rikjest*"; minn hawn harget l-importanza tal-kontenut ta' l-imsemmi telex;

Illi rrizulta anke mix-xhieda ta' l-iskrivan tas-socjeta` appellanti li l-appellat ried zejt "*li jigi l-ekwivalenti ta' dak li kien juza qabel*"; meta wara xi erbat ijiem waslet l-imsemmija telex u saret taf is-socjeta` konvenuta, "*qalulna mela ejjew huduh lura, ma riedux jaccettawh iz-zejt*". Il-kwistjoni kollha kienet tikkoncerna il-punt jekk iz-zejt supplit kienx tajjeb jew le ghall-uzu tas-socjeta` li kienet qed tixtri - jekk kienx ekwivalenti ghal dak li in effetti kienet qed tuza regolarment fuq il-lanec ta' l-irmong taghha. Ma kienx hemm problemi dwar il-prezz peress li dan kien ghadu il-prezz originali u s-socjeta` konvenuta kellha interess skond l-istess socjeta` appellanti, li tixtri kull ma kien hemm "*in stock*" u ma haditux biss ghax saret taf li dan ma kienx adattat ghall-uzu taghha; kieku kien identiku ghal dak li kienet qed tuzu s-socjeta` appellata ma kienetx ser titilfu. Ghalhekk jidher car li z-zejt fornit kien differenti minn dak precedentement uzat liema zejt jidher li kien tajjeb ghall-magni tat-tug-boats taghhom; skond ix-xhieda ta' l-istess socjeta` appellanti "*nikkonferma li s-socjeta` konvenuta kienet qaltilna li huma kienu ilhom zmien twil juzaw dan it-tip ta' zejt fuq it-tug-boats taghhom.*";

Illi jidher li d-differenza fit-tipi ta' zejt kienet pjuttost cara u l-konvenut spjega li meta ghadda z-zejt fornut lill-inginiera tieghu "*mill-ewwel indunaw li ma kienx ekwivalenti ghal Mobil Gard 312 u ghalhekk ma stajnix nuza iz-zejt li kkonsenjalna Fenech Oil*". Ix-xhud Debono jispjega dak li gara proprju hekk kif saret il-konsenja ta' dawk iz-zewg drums originali proprju hdejn il-lanec ta' l-irmong u l-ewwel tank infetah mill-Inginier "*ghandi nghid li ghar-rigward ta' dawk iz-zewg drums li gew ikkonsenjati fejn ikun hemm it-tug-boats, dawn infetthu mill-inginier taghna li mill-ewwel cempilli u qalli li z-zejt li kien gie supplit ma kienx ekwivalenti ghaz-zejt li konna nuzaw ahna. Jiena ghalhekk ghidtlu biex iz-zejt ma juzahx. Infetah biss drum wiehed. It-tieni drum ma nfetahx u ghadu sallum mhux miftuh.*" Din ix-xhieda korroborata mill-punt essenzjali li fil-fatt infetah biss dak l-ewwel drum, turi l-veracita` ta' din il-verzjoni u turi wkoll li anqas kien hemm bzonn ta' ebda analizi specjalizzata u allura l-problema kienet ovvja u accettata mill-partijiet; ghalhekk huwa wkoll kredibbli illi hekk kif "*ahna kellimna lill-attur dwar din il-kwistjoni, cioe` li z-zejt ma kienx ekwivalenti, ir-risposta tieghu kienet illi kellna nzommu ahna z-zejt sakemm isib il-bejgh tieghu.*";

Illi dak li kkonstata l-inginier kwazi mad-daqqa t'ghajn kien fil-fatt insegwitu konfermat mir-rapporti li ntbaghatu aktar tard mis-socjeta` estera produttrici. Ghalhekk jidher car li kien hemm l-adempjenza da parti tas-socjeta` attrici u li l-prodott fornit ma kienx tal-kwalita` pattwita;

Illi l-Qorti taqbel mas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti li "*il-verzjoni tas-socjeta` attrici fiha hafna lakuni u hija wkoll xi ftit inverosimili*", fejn semmiet ukoll id-divergenza fil-verzjonijiet dwar il-kwantita li riedet tordna s-socjeta` konvenuta u dwar l-offerti biex iz-zejt ikun jista' jinbiegh lill-terzi; tidher ukoll aktar kredibbli l-verzjoni tas-socjeta` appellata li zammet iz-zejt ghandha peress li s-socjeta` attrici, wara li rrealizzat ukoll l-inutilita` taz-zejt ghas-socjeta` appellata, qablet li dawn it-tankijiet jibqghu hemm sakemm isibu il-bejgh taghhom.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tichad ir-Rikors ta' Appell tas-socjeta` attrici u tikkonferma s-Sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet premessi fil-15 ta' Jannar 1999.

Bl-ispejjez jithallsu mis-socjeta` attrici.

Deputat Registratur